Parroċċa Qalb bla tebgħa ta' Marija

Burmarrad

Nº: 18/16

**AVVIŻI**

**1 ta' Mejju 2016**

Illum issir il-ġabra speċjali għall-bżonnijiet tal-parroċċa. Il-ġabra ta' Marzu kienet ta' €351.16 filwaqt li l-ispejjeż kienu €1,027. Nirringrazzjawkom tal-għajnuna tagħkom.

Nhar it-Tlieta 3 ta' Mejju fis-7.30pm issir l-ewwel laqgħa minn erbgħa dwar il-Liturġija. Sa jkollna kelliema esperti f'dan il-qasam biex jgħinuna nifhmu aħjar dak li niċċelebraw waqt il-quddiesa. Inħeġġukom biex tattendu.

Nhar il-Ġimgħa 6 ta' Mejju jsir il-pellegrinaġġ annwali fil-Parroċċa tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù fil-Fontana li hija ġemellata mal-parroċċa tagħna. Il-quddiesa tibda fis-7pm għalhekk nitilqu minn quddiem il-Knisja fl-4.30pm. Min ġej huwa mitlub jinforma lill-kappillan sa nhar it-Tlieta.

Nhar is-Sibt tiftaħ il-Librerija fiċ-Ċentru Parrokkjali bejn l-10am u nofsinhar u bejn is-6pm u s-7pm ikun hawn Adorazzjoni Ewkaristika fil-Knisja.